VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA

VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 34

Il-Ħamis 3 ta' Diċembru fis-6.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Christian Darren Micallef, Vincent Farrugia Lauri, Vincent Fabri, Dr Norman Shaw kien skuzat minħabba li ommu kienet l-isptar, Raymond Azzopardi ġie tard għal-laqgħa (6.25pm) u Raymond Attard ma nfurmax li mhux ser jattendi. Vincent Farrugia kellu jirritorna xogħol (6.30pm).

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 33 - Il-Ħamis 5 ta' Novembru fis-6.00pm kienu ikkonfermati.

- Il-laqgħa ġiet sospiża biex Alexander Fenech għamel presentation lill-Kunsillieri preżenti. Saret diskussjoni dwar l-att kummerċjali, rati vantaggużi għal familjari w aspetti ta' MEPA. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.
- Il-laqgħa ġiet sospiża biex Censu Caruana u Nathalie Debono min Fair Trade taw presentation lill-Kunsill dwar resoluzzjoni għal fair trade li għandha ssir mill-kunsill. Infurmaw li għandha ssir action plan u jigi ffurmat kumitat. Il-Kunsill qabel li ghandu jibda it-triq sabiex il-Belt tigi dikjarata Fair Trade City.
- Il-laqgħa ġiet sospiża sabiex is-sindku jinforma lil-Kunsilliera fuq amont ta' flus li nstabu nieqsa mil-ufficji tal-Kunsill. Minhabba il-fatt li-hu kien talab lil-Pulizija sabiex jinvestigaw dan il-kaz, il-kunsill unanimament qabel li ma jsirux dikjarazjonijiet sabiex jinghata cans lil-Pulizija jikkonkludu l-investigazjoni minghajr tfixkil.
- 

**1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar peacock garden ser isiru xogħolijiet minħabba li niżlet l-art u l-Perit qed jitkellem mal-Kuntrattur dwar dan. Ser issir laqgħa mal-VRP biex il-casemates li hemm jitgħattew minħabba li qed jispiċċaw dumping site.

1.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li d-Dar tas-Sorijiet tal-Ursulini l-Gvern għandu pjanijiet oħrajn. Is-sindku talab lil kunsilliera sabiex jiproponu postijiet ohra.

1.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li qed nistennew laqgħa mal-Periti dwar cafe premier.

1.4

**2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli kif ukoll il-kunsilliera presenti ikkundannaw lill-Kunsillier Ray Azzopardi li tefgħa posts fuq facebook jgħidu li il-Partit Nazzjonalista huwa għar mil-ISIS. Il-Kunsillieria qalu li kull kunsillier, irrispettivament mil-partit tieghu ghandu jhossu offiz u kkundaw dan l-għaġir.

2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma bgħat email lil kumpanija tal-wardens biex jinvetigaw parking illegali ġewwa triq san pawl.

2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ser jattendi laqgħa dwar Triq l-Arċisqof.

2.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ser issir l-press conference tal 450 anniversarju tal-fondazzjoni tal-Belt.

**3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 Il-Kunsillier Vincent Fabri nforma li fl- okkazjoni tal-450 għandha ssir preżentazzjoni speċjali lil gradwati ġodda Beltin.

3.2 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma li għandha refreshing tal-parking ġewwa triq Melita.

3.3 L-Kunsillier Vincent Farrugia nforma dwar lampa li hemm quddiem il-gym ġewwa Triq Zakkarija minħabba li din ilha ma taħdimx. Nforma ukoll li l-bozz tan-nofs ta' triq san pawl ma santa lucija ukoll għandha problema minħabba li qed tixgħel u titfi.

4. **KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR**
**NIL**

5. **KORRISPONDENZA**

5.1 Korrispondenza minn għand Ms Madeleine Gera biex isiru linji sofor quddiem żewġ bibien ta' garage. Il-kunsill qabel li meta jiġi kkonfermat li dawn qed jintuzaw għal karozzi jinżebgħu l-linji.

5.2 Korrispondenza minn għand Maurizio Lapira obo Teen Club għal extension ta' l-għajnuna li qed jgħati l-kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

5.3 Korrispondenza minn għand Caldon Mercieca dwar ir-restawr tal-biċċerija u l-problema tal-grieden u qtates.

6. **AMMINISTRAZZJONI**
**NIL**

**TMIEM**

Fl-20.00hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għal Ħamis 7 ta' Jannar fis -18:00hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku